**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Seduta Distrett – Msida**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 26 ta' Frar, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**-vs-**

**Joseph Cini, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 304664M**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Cini u cioe` talli:

Fl-20 ta' Gunju 2017 gewwa l-Pieta' u/jew gewwa gzejjer Maltin

1. Ingurja u hedded lil G697 Natalina Said, persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qeghda taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;
2. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju;
3. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' G697 Natalina Said, weggaha bi kliem, b'gesti, b'kitba, jew b'disinji b'xi mod iehor;

4. Qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni;
5. Talli naqas li jobdi ordnijiet legittimi t'Awtorita cioe' ta' G697 Natalina Said, persuna nkarigata minn servizz pubbliku, jew ma hallihiex jew fixkilha waqt li kienet qieghda taghmel id-dmirijiet taghha jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijietha billi ma hallihiex taghmel dak li b'ligi kien ordnat.
6. Talli fl-istess dati, lok, hin, u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'sentenzi datati 28/01/2016 mahruga mill-Magistrat Dr.Ian Farrugia LL.D. u ohra datata 11/02/2016 mahruga mill-Magistrat Dr.Claire Stafrace Zammit LL.D., liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Natalina Said, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabli ghar-reat, tapplika provedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi **Natalina Said**, gwardjan lokali spjegat kif fil-hin li kienet qed taghti citazzjonijiet minhabba *double parking* fit-telgha ta' Gwardamangia u harket vettura, *"gie s-Sinjur fuqi, qalli inti dejjem lili tharrek. Issa dan mhux minnu…. Joseph Cini….. Bghatni niehdu f'ghoxx kemm ghandi nsomma quddiem in-nies, tajjarli l-beritta u qalli inti mintix tajba qisek mara ragel. Qalli inti mintix tajba ghat-tfal, johorgu qishom immankati. Dan il-hafna diskors quddiem in-nies li veru umiljani lili. … Il-kollega tieghi kienet il'fuq minni…. Il-kollega tieghi harget tara ghax bdiet tisma' l-ghajat insomma u beda jghidli x'qalli, joffendini kif diga' semmejtlek. ….".* Ziedet li wara li mara li kienet riekba ma Cini hadet ic-cwievet tal-vettura tal-gwardjani, kien l-isess imputat li ghadda ic-cweivet lura lil gwardjani. Ghalkemm fl-affidavit prezentat minn PC693 Christian Attard inghad li Said qaltlu li Cini kien anke heddidha li ser ipattihielha, fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti Said ma semmietx li sar l-ebda theddid fil-konfront taghha.

Illi **Sarah Micallef**, gwardjan lokali wkoll, kienet fuq xoghol ma Said *"U jien bqajt gol-karozza u nizlet il-kollega …… u fid-daqqa u l-hin nisma' l-ghajat*

*u l-istorbju. Hrigt nigri u nsib il-kollega tieghi u s-Sinjur qed jillatika maghha…. beda joffendiha….. Joffendiha b'ghoxx kemm ghandha"*. Il-vettura ma kienitx tghajjat lill-imputat izda persuna femminili *"filfatt qaltilna li qieghed biha dan it-tali persuna"*. Ikkonfermat kif kien l-imputat li rritorna c-cavetta tal-vettura tas-servizz wara li din ittiehdet minn mara li kienet fil-vettura misjuqa minn Cini. Tali konferma reggghet saret in kontro-ezami.

Illi **Karin Maria Cremona** in rapprezentanza ta' Tranpsort Malta xehdet kif il-vettura Mitsubishi Pajero bin-numru MCH599 kienet registrata f'isem Jacqueline Oliva. L-istess **Oliva** xehdet li kienet silfet il-vettura msemmija lil zijuha, l-imputat, peress li talabilha biex jaghmel qadja.

Illi l-imputat ghazel li jixhed fejn cahad kategorikament li tajjar il-berritta ta' Said ghalkemm wara rrikonoxxa li peress li hi twila u beda jxejjer idejh, laqatilha. Cahad li ghajjar u li nsulenta lil Said ghalkemm irrikonoxxa li kien irrabjat peress li hass li kien qed jigi diskriminat meta kien hemm vetturi ohra li kienu *double parked.*

Ser issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Grazio Spiteri**:[1]

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro*

[1] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D., 19.04.2012

*dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu ighid:

"*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person*."

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Borg jinghad:

"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato*.""

Illi mhux kontestat li Natalina Said kienet gwardjan lokali u ghalhekk isib applikazzjoni l-artikolu 92 tal-Kodici Kriminali:

Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif
ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.

Illi fuq dan l-insenjament u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, mhemmx dubbju li r-reat ravvizat bl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali gie ampjament ppruvat.

Illi t-tielet imputazzjoni nghatat bhala alternattiv ghall-ewwel imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Fid-dawl tal-provi prodotti jirrizultaw pruvati l-imputazzjonijiet l-ohra kollha ghajr dik tar-recidiva peress li giet prezentata biss sentenza wahda fejn jirrizulta li l-imputat kien gie mmultat €250 nhar il-5 ta' Frar, 2016.

Madanakollu l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-multa imposta b'dik is-sentenza, fil-jum tal-20 ta' Gunju, 2017, kienet thallset. Dan qed jinghad tenut kont tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Galea:**[2]

Illi madanakollu din il-Qorti tqies illi l-appellanti qatt ma seta jigi misjub hati ta'l-akkuza tar-recidiva fit-termini ta'l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi fis-sentenza li issir referenza ghaliha bhala prova tal-addebitu ta' recidiva u cioe' dik tat-22 ta' Jannar 2010, kienet giet imposta piena pekunjarja konsistenti f'multa, liema multa mill-fedina penali esebieta in atti jidher illi thallset fil-05 ta' Lulju 2012, u kwindi ma jistax jinghad illi s-sentenza kienet giet "skontata" fit-termini tal-ligi. Kwindi ghalkemm tirrizulta ir-recidiva taht l-artikolu 49, izda l-artikolu 50 ma huwiex applikabbli ghal kaz.

Dik l-istess Qorti diversament preseduta fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lydon Cutajar**, rriteniet hekk:[3]

Kwantu ghal-multa nflitta permezz tas-sentenza tas-27 ta' April 2011, peress illi jirrizulta illi fis-27 ta' Awissu 2012, din kienet ghadha ma thallsitx (ara verbal tas-seduta tal-11 ta' Settembru 2012 u Dok. "MB" a fol. 24 – 26), allura l-piena kienet ghadha ma gietx "skontata", u l-Artikolu 50 mhuwiex applikabbli. Kwindi hu applikabbli biss l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward biss tas-sentenza msemmija tas-27 ta' April 2011.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat mhux xi *first-time offender* kif tixhed il-fedina penali kkulurita w voluminuza tieghu, minn fejn jirrizulta illi l-imputat diga instab hati ta' reati simili bhal dawk li illum jinsab akkuzat dwarhom. L-imputat ma jidher li tghallem xejn mill-izbalji tal-passat tieghu u ghaldaqstant din il-Qorti ma ghandhex triq ohra ghajr li timponi piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 95, 338(bb)(dd)(ee) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u tikkundannah seba (7) xhur prigunerija u multa ta' €4,500.

F'kaz li tali ammont ma jithallasx hekk kif ordnat, ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

---

[2] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima, Dec. 31 ta' Mejju, 2017
[3] Per Onor. Imhallef Dr. David Scicluna, Dec. 6 ta' Frar 2013

In oltre, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b' garanzija personali ta' elf Euro (€1,500) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Natalina Said.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**